MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 640/1992/1

**Emanuel Lawrence Vella fil-kwalita' tieghu ta' amministratur tal-eredita' ta' Natalizia Magri**

**Vs**

**Bernardina armla ta' Joseph D'Amato**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur fil-kwalita' tieghu premessa talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta' ghaxar liri Maltin u hmistax il-centezmu rapprezentanti arretrati ta' qbiela tal-ghalqa ta' Tlejlu fil-kuntrada tal-Hotba limiti Qrendi.

Bl-interessi u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tas-27 ta' Jannar 1992 u tal-ittra ufficjali tas-16

ta’ Marzu 1992 u tal-ittra legali tad-9 ta’ Marzu 1992 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet:-

1. Illi in linea preliminari l-attur irid jipprova l-kwalita’ tieghu minnu allegata.

2. Illi l-attur irid jipprova t-titolu tieghu fuq l-art in kwistjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-art in kwistjoni kienet ilha fil-pussess tal-konvenuta D’Amato ghall-aktar minn tnejn u tletin sena u dana bhala sid b’mod kontinwu, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.

4. Illi b’kuntratt datat 31 ta’ Mejju 1992 ippublikat fl-atti tan-Nutar Joseph Lia l-konvenuta ikkoncediet in enfitewsi perpetwa l-art in kwistjoni lil Carmen mart Annunziato Mifsud, Mary mart Carmelo Galea. John D’Amato, Paul D’Amato, Joseph D’Amato u Anthony D’ Amato indaqs u solidalment bejniethom.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet <u>ulterjuri</u> tal-konvenuta (fol 71 ibid) u li biha eccepiet:-

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet moghtija t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante l-inkompetenza ta din l-Onorabbli Qorti u dana peress illi huwa kkontesta t-titolu ta’ proprieta’ ta’ l-atturi u dana ai termini ta’ l-artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija fit-2 ta’ Dicembru 1993 (fol 90 et seq ibid) u li biha giet <u>respinta u michuda l-eccezzjoni ulterjuri</u> tal-

konvenuta waqt li l-kaz gie differit ghall-provi tal-konvenuta.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ottubru 1994 (fol 109 et seq ibid) liema sentenza ikkonfermat dik moghtija minn din il-Qorti kif diversmanet presjeduta.

Rat id-digriet tal-istess Qorti kif diversament presjeduta (fol 121 ibid) u li bih din il-kawza giet differita "sine die" ghar-raguni hemm premess (ara ukoll fol 17 ibid).

Rat id-digriet ulterjuri moghti minn din il-Qorti (fol 122 u fol 123 ibid) u li bih is-smiegh ta' din il-kawza gie appuntat ghad-data hemm specifikata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti ta' din il-kawza li, skond l-avviz, kienet tinvolvi biss talba ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex din thallas arretrati ta' qbiela allegatament dovuti minnha fuq l-ghalqa in kwistjoni l-istess azzjoni ghaddiet minn "iter" twil li kien jinvolvi l-pretensjoni da parti tal-istess konvenuta illi effettivament l-ghalqa in kwistjoni kienet proprjeta taghha, in rigward liema pretensjoni, inghatat is-sentenza definittiva fit-2 ta' Gunju 2000 (ara fol 122 tal-atti). Mill-atti sussegwenti, kien jidher li, dwar it-talba in desamina, kien inthalaq xi prova ta' ftehim bjen l-partijiet u filfatt, kif risultanti a fol 135 tal-atti, kellu jsir il-hlas tal-ammont, pretiz fl-istess avviz, lill-attur nomine. Pero, kif risultanti a fol 136 ibid, l-attur kien informa din il-Qorti li ma kienx ircieva l-pagament, u b'hekk talab li dan il-kaz tibqa' ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-talba in desamina u l-eccezzjonijiet sottomessi oltre ghal dak li ghadu kemm gie premess, jkun opportun li ssir referenza ghas-segwenti provi:-

a) Dak li xehed u pproduca bhala dokumenti l-attur nomine stess minn fol 10 sa fol 45 tal-istess atti.

b) Dak li xehed Carmel Axiaq (fol 47 u fol 48 ibid).

c) L-Affidavit tal-Avukat Guze Cassar (fol 55 u fol 56 ibid).

d) Dak li xehed John Aquilina (fol 57 u 58 ibid).

e) Ix-xhieda tar-Registratur tal-Artijiet in-Nutar Antonio Micallef Trigona (fol 65 u fol 66 ibid).

f) Dak li xehdet l-istess konvenuta (fol 68 u fol 69 ibid).

g) Is-sentenza gja citata moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Ottubru 1994 (fol 109 et seq ibid).
Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess, jidher li t-talba attrici tista' tigi akkolta waqt li l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuta (a fol 7 tal-atti) ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-istess attur u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' Lm10.15,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Jannar 1992 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-27 ta'Jannar 1992 u tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 1992 oltre ta' dik legali tad-9 ta' Marzu 1992.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------